# X'NAHSEB JIEN

# Il-parteċipazzjoni tal-ħaddiem fil-qasam tax-xogħol

**minn Frances Camilleri**

Għalkemm l-importanza tal-bniedem fil-proċess tal-produzzjoni kienet magħrufa minn dejjem, ħarsa lejn l-avvenimenti ta' l-istorja tal-bniedem fil-qasam tax-xogħol turi li d-dinjità tal-ħaddiem mhux dejjem ġiet imħarsa tajjeb.

Wara t-tieni gwerra dinjija, il-bżonn ta' għaqda fis-soċjetà u l-bini mill-ġdid ta' l-ekonomija tal-pajjiż fl-Ewropa tal-Punent, ħatret il-parteċipazzjoni tal-ħaddiem bħala l-ideal ta' kull intrapriża. F'dan it-tip ta' struttura l-ħaddiem għandu l-jedd li jieħu sehem fit-teħid tad-deċiżjonijiet, fit-tmexxija u fil-qligħ.

Saru bosta bidliet li bihom il-ħaddiem qorob lejn l-istil ta' ħajja fejn ix-xogħol ma baqax sempliċement mod ta' kif jaqla' l-flus biss, iżda espressjoni tal-personalità u kreattività sħiħa tiegħu. Saħansitra l-komunità Ewropea wkoll kienet ħarġet direttiva għall-parteċipazzjoni tal-ħaddiem fuq l-ogħla livell ta' l-istruttura.

Fi żmien meta kien hawn xogħol għal kulħadd, u trejdunjons b'saħħithom, l-ideal li l-bniedem jiġi l-ewwel u qabel kollox deher li beda jintlaħaq bil-mod il-mod.

### Problemi ġodda

Iżda, mat-tmeninijiet, bdew jinqalgħu problemi barra dawk li jolqtu 'l-bniedem u x-xogħol, u dik il-ġirja lejn il-quċċata tad-dinjità tal-bniedem waqfet ħesrem u sfaxxat fix-xejn. In-nuqqas ta' xogħol, l-isfruttar ta' l-ambjent, fost affarijiet oħra, taw lok lit-trejdunjons li jitfgħu ħarsithom fuq problemi aktar 'moderni' u frott ta' 'żvilupp'. Il-ħaddiem beda jaħdem f'kundizzjonijiet li ma jaqblux miegħu u f'ambjenti li xejn m'huma xierqa. Sar bħal makna jew fattur ta' produzzjoni stmat bħala oġġett li tinqeda bih. Il-ġieħ li hu kien jistħoqqlu twarrab għal kollox.

F'pajjiżna saru bosta bidliet pożittivi li bihom il-ħaddiem akkwista drittijiet u benefiċċji. Il-parteċipazzjoni tal-ħaddiem Malti twettqet f'ħafna forom u strutturi differenti.

> Il-parteċipazzjoni tal-ħaddiem Malti twettqet f'ħafna forom u strutturi differenti

### Forom ta' parteċipazzjoni

Waħda minn dawn l-istrutturi hija dik li tissejjaħ *self-management*. Din il-forma ta' parteċipazzjoni teżisti fit-Tarzna, fejn il-Bord tat-Tmexxija hu magħmul minn nies li jiġu eletti direttament mill-ħaddiema. Kull sentejn, dawn l-istess ħaddiema jagħżlu minn fosthom Bord ta' Diretturi magħmul minn *Chairman* u tmien membri. Barra minn dan il-Bord hemm kumitat tax-xogħol li għandu sehem fid-deċiżjonijiet li jittieħdu fil-livelli ta' isfel ta' din l-intrapriża.

Sistema oħra ta' parteċipazzjoni hi dik tal-koperattiva. Il-Kumitat tat-Tmexxija jittella' mill-membri ta' l-istess koperattiva u kull membru li għandu l-ishma għandu dritt għall-vot fil-laqgħa ġenerali. Kemm hawn Malta kif ukoll barra ssib ħafna minn din il-forma ta' parteċipazzjoni. Malta għandna l-koperattiva tal-biedja, tas-sajd, tal-*mini-buses*, tal-*catering* fost oħrajn. Id-differenza bejn il-koperattiva u s-*self-management* li semmejt qabel hi li waqt li fis-*self-management* il-ħaddiem jieħu sehem fit-teħid ta' deċiżjonijiet fit-tmexxija ta' l-intrapriża, il-membri tal-koperattiva għandhom sehem fil-qligħ ukoll.

> Il-bniedem irid jiġi edukat li mhux qed igħix biex jaħdem qisu makna, iżda jrid ikun jaf għaliex qed igħix u jaħdem!

Forma oħra ta' parteċipazzjoni hi dik ta' direttur-ħaddiem. F'din l-istruttura għadd ta' ħaddiema jiġu eletti minn sħabhom stess biex jirrappreżentawhom fuq il-Bord tad-Diretturi. Dawn il-ħaddiema-diretturi, flimkien mal-Bord ta' rappreżentanti - li jkunu nħatru mis-sidien jew *shareholders* - imexxu l-intrapriża billi jagħtu l-fehma tagħhom fuq il-ħatra ta' *managers*, kif ukoll jieħdu deċiżjonijiet fuq l-iskala ta' salarji u kundizzjonijiet tas-servizzi tal-ħaddiema.

Intrapriżi oħra f'Malta, bħal per eżempju *Farsons Ltd.* għandhom is-sistema ta' parteċipazzjoni fuq bażi ta' konsultazzjoni. Għadd ta' nies jiġu eletti mill-ħaddiema biex jiffurmaw kumitat li xogħlhom hu li wara li jiġu mgħarrfa b'kull deċiżjoni li tittieħed dwar it-tmexxija ta' l-azjenda jiddiskutu l-problemi flimkien u jagħtu l-opinjonijiet tagħhom.

U fl-aħħarnett insibu l-*quality circles* u *autonomous groups*. Dawn il-gruppi jippjanaw, jorganizzaw u jwettqu x-xogħol fil-qasam tagħhom fl-intrapriża. *L-S.G.S. Ltd.* kienet waħda minn dawk li adottaw din il-forma ta' parteċipazzjoni, iżda għal xi raġuni jew oħra wara sentejn din spiċċat fix-xejn.

### Il-ħaddiem iħossu stmat

Bil-ħatra ta' waħda minn dawn il-ħames forom ta' parteċipazzjoni, **il-ħaddiema jistgħu jgawdu l-valuri tad-demokrazija.** L-antagoniżmu li spiss jeżisti bejn min iħaddem u l-ħaddiem, jonqos jew saħansitra jisfaxxa fix-xejn. Barra li tinħoloq armonija fuq il-post tax-xogħol, il-ħaddiem iħossu aktar stmat. Billi jħossu stmat il-ħaddiem jiġi mqanqal u jieħu aktar parti attiva f'xogħlu. Is-sens ta' responsabbiltà li jidħol fis-sistema tiegħu jġiegħlu jonqos mill-iskartar, l-istrajks, l-assenteiżmu u wkoll l-isfruttar.

Minkejja din il-ħarsa pożittiva, ma jfissirx li s-sistema parteċipattiva tista' tiġi implimentata mingħajr tfixkil. Issib ħaddiema li mhux lesti jerfgħu r-responsabbiltajiet tat-tmexxija ta' l-azjenda.

Issib min jippreferi jħalli d-deċiżjonijiet f'idejn ħaddieħor. Nistgħu nifhmu li mhux il-ħaddiema kollha għandhom il-kapaċità li jieħdu deċiżjonijiet għaqlija. Inżid ngħid ukoll, li peress li Malta hija pajjiż żgħir fejn l-impjiegi tagħna jiddependu mill-kapital barrani, dejjem urejna ċerta biża' li nesponu żżejjed dan il-kunċett parteċipattiv li ma mmorrux ingerrxu l-investiment minn barra.

Il-kompetizzjoni bejn industrija u oħra tant saret sfrenata fl-ekonomija tad-dinja, li ġabet ċertu pragmattiżmu fil-moħħ tal-bniedem li joħnoq kull ideal dwar il-parteċipazzjoni tal-ħaddiem.

Madankollu, il-mentalità tal-ħaddiem għandha tiġi mrawma pożittivament minn nies speċjalizzati f'dan il-qasam tal-parteċipazzjoni. Il-bniedem għandu jitgħallem iġib ruħu ta' bniedem, bi ħsieb u b'rieda ħielsa. **Il-bniedem għandu jkun konvint li huwa d-dritt tiegħu li jiġi stmat.** Il-bniedem irid jiġi edukat li mhux qed igħix biex jaħdem qisu makna, iżda jrid ikun jaf għaliex qed igħix u jaħdem!

### Il-fehma tal-Knisja

Il-Knisja mhux darba jew tnejn fissret il-fehma tagħha fuq il-prinċipju tal-parteċipazzjoni bħala dritt uman. Fit-tagħlim soċjali l-papiet insistew li x-xogħol jiġi qabel il-kapital. Saħansitra, fl-aħħar enċiklika soċjali *Laborem Exercens* tal-Papa Ġwann Pawlu II, insibu li l-Papa jisħaq li **l-bniedem hu dejjem dak li jagħmel ix-xogħol, waqt li l-kapital jibqa' dejjem l-istrument f'idejn il-bniedem.**

Il-parteċipazzjoni tal-ħaddiem hija mibnija fuq prinċipji sodi. U aktar ma din tidħol fis-sistema tax-xogħol aktar il-ħaddiem ikun kapaċi japprezza l-valuri ta' din l-istess parteċipazzjoni li huma d-dinjità, l-ugwaljanza u d-demokrazija. Aktar ma l-livell ta' l-edukazzjoni jiżdied, aktar it-trejdunjons se jħabbtu wiċċhom ma' domanda u pressjoni qawwija għall-parteċipazzjoni tal-ħaddiem, sakemm il-prinċipju tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiem isir realtà għal kull ħaddiem Malti.

***Frances Camilleri hija research assistant fiċ-Ċentru għall-Iżvilupp tal-Parteċipazzjoni tal-Ħaddiema fl-Università ta' Malta. Hija miżżewġa u għandha żewġt itfal.***

# EDITORJAL

## Kultura ta' *union*

**Hekk kif joqrob Jum il-Ħaddiem jew kif inhu magħruf, l-1 ta' Mejju, bosta organizzazzjonijiet jaraw kif jagħmlu biex joħorġu stqarrija mimlija eloġji favur il-ħaddiem.**

**Din tal-messaġġi saret fil-veru sens tal-kelma ritwal. Kull stqarrija tagħti 'l wieħed x'jifhem li dik l-organizzazzjoni jew anki partit huwa l-ikbar tarka tal-ħaddiem. Mhux li kien!**

**Bħalissa f'pajjiżna tirrenja ċerta paċi industrijali. Ftit li xejn saru *strikes* mill-ħaddiema b'konflitt ma' min iħaddem, inkluż il-gvern stess. Mhemmx dubju li parti mill-mertu jieħdu l-gvern bil-politika ta' djalogu li s'issa pprova jimxi biha.. Il-mertu jeħduh ukoll il-*unions* u s-sidien li għażlu li jiddiskutu milli jinfexxu f'theddid u azzjonijiet esaġerati. Iżda allura issa l-ħaddiem ma jonqsu xejn?**

**Forsi mad-daqqa t'għajn hekk jidher. Il-*leave* żdied, il-*bonus* żdied, xogħol hawn kemm trid, kulħadd jista' jagħmel *part-time job* jekk mhux tnejn ukoll, il-pagi żdiedu. Kollha affarijiet tajbin u ta' min jieħu pjaċir bihom. Iżda hemm stampa oħra li tikkumplimenta dik sabiħa.**

**Għadna per eżempju sal-lum bi ftit inqas minn nofs il-ħaddiema Maltin mhux imsieħba f'*union*. Għadna nisimgħu b'imwiet u korrimenti fuq il-post tax-xogħol minħabba nuqqas ta' sigurtà u edukazzjoni fost il-ħaddiema biex iħarsu saħħithom waqt xogħolhom. Biss biss bejn l-1987 u s-sena li għaddiet mietu 36 persuna.**

**Il-ħajja tal-lum qed issir iktar kumplessa bi problemi iktar kumplessi wkoll. U hawn wieħed isaqsi: kemm qegħdin il-postijiet tax-xogħol u l-*unions* jagħtu kas il-ħaddiem bħala bniedem sħiħ?**

**L-Arċisqof stess ħeġġeġ lill-*unions* u 'l min iħaddem ħalli dawn jagħtu kas il-persuna tal-ħaddiem fil-bżonnijiet soċjali tiegħu.**

**U proprju hawn jidħlu l-*unions*. L-ewwelnett il-*unions* jeħtieġ li jagħmlu eżami kbir tal-kuxjenza u jaraw jekk humiex tassew qed jilħqu l-bżonnijiet tal-ħaddiema. Hemm bżonn ukoll li l-*unions* idaħħlu aktar il-kultura ta' sħubija f'*unions*.**

**Però ma jridux fl-istess ħin joqogħdu jillitikaw u jippikaw min minnhom għandu maġġoranza f'xi qasam partikulari ta' xogħol. Għax b'hekk ikunu biss qed inaffru u, agħar minn hekk, jifirdu lill-istess ħaddiema.**

**Naslu biex ngħidu li l-ħaddiem Malti għandu dak li għandu grazzi għall-*unions* tiegħu. Iżda dawn il-kisbiet mhumiex biżżejjed.**

**Illum hawn bżonnijiet ġodda u għalhekk il-*unions* jeħtieġ jirrispondu għalihom jekk kemm-il darba jridu tassew il-ġid ta' l-istess ħaddiem li tant jisħqu li qed jirrappreżentaw.**

IL-ĠENS
Gazzetta ta' kull ġimgħa maħruġa mill-
Media Centre
Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, HMR 02
Tel: 249005, 247460,
244913, 224018 Fax: 243508
Avviżi: Crest Publicity Ltd.,
9/4, Triq l-Ifran, il-Belt, VLT 09
Tel: 224876, 238467 Fax: 231419
Mitbugħ il-Progress Press, Il-Belt